MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 696/2010

**Peter u Madeline konjugi Vella de Fremeaux bil-karti tal-identita' rispettivament ID 256347M u ID 103949M**

**vs**

**Eagle Star (Malta) Limited (C-104) propio u bhala agenti tas-socjeta' assiguratrici estera, Zurich Assurance Limited u Eagle Star Insurance Company Limited (OC 21)**

Il-Qorti

Rat ir-rikors guramentat ta' Peter Vella de Fremeaux u martu Madeleine fejn gie premess:-

1. Illi nhar it-22 ta’ Settembru 1987 il-konjugi rikorrenti ikkuntrattaw, separatament, zewg poloz tal-assigurazzjoni, tat-tip ‘White Profists,’ mas-socjeta intimata Eagle Star Insurance Company Limited liema poloz igibu, rispettivament, in-numri 3501841 u 3501842 u huma hawn annessi u mmarkati bhala Dok ‘PVD1’ u DOK ‘MVDI’.

2. Illi dak inhar li ikkuntrattaw dawn il-polza r-rikorrenti assiguraw somma ta’ hmistax il-elf lira Maltin kull wiehed fuq il-poloz rispettivi taghhom ekwivalenti ghal erba u tletin elf disa mija u erbghin ewro u sittin ewro centezmu (€34,940.60) kull wiehed. Ulterjorment, u qabel ma ikkuntrarraw dawn il-poloz, ir-rikorrenti gew assigurati minn insurance salesman tal-intimati, certa Michael Gatt, illi mal-maturazzjoni ta’ dawn il-poloz huma kienu ser jircievu s-somma garantita piu’ somma ohra li tirrapprezenta profitti ikkalkulati ta’ kull sena fuq bonus rates, u u dan kif ser jigi ppruvat ahjar fil-mori tal-kaz.

3. Illi irrizulta pero’ li tul is-snin is-socjetajiet intimati jew min minnhom naqsu arbitrarjament, abbuzivament u sistematikament l-imsemmjia bonus rates li kienu gew dikjarati originarjament meta gew kontrattati l-poloz de quo. Ir-rikorrenti kienu fil-fatt ilmentaw f’diversi okkazzjonijiet dwar dan minghajr ebda ezitu pozittiv.

4. Illi z-zewg poloz surreferiti kienu ghal perjodu ta’ ghoxrin (20) sena b’dan illi t-tnejn immaturaw nhar it-22 ta’ Settembru tal-2007. Xi zmien wara li mmaturaw dawn il-poloz, is-socjeta’ Eagle Star (Malta) Ltd offriet illi thallas lir-rikorrenti kull wiehed, is-somma ta’ tmienja u sittin elf tlett mija u tmien Ewro u disa’ u sittin Ewro centezmu (€68,308.69). Sussegwentement u senjatament nhar it-8 ta’ Ottubru, 2008, is-socjeta’ intimata Eagle Star (Malta) Limited effettivament ghaddiet cekk ghal valur ta’ tmienja u sittin elf tlett mija u tmien Ewro u disa’ u sittin Ewro

centezmu (€68,308.69) lil kull wiehed mir-rikorrenti u dan a saldu tal-pretenzjonijiet fuq il-poloz rispettivi taghhom. Irid jinghad hawnhekk illi s-socjetajiet intimati jew min minnhom naqsu wkoll li jghaddu l-imghax dovut fuq dawn is-somom ossija l-imghax li ghaddha mid-data tal-maturazzjoni sad-data tal-pagament effettiv li sehh fit-8 t'ttubru, 2008.

5. Illi permezz ta' ittra bonarja datata is-17 ta' Ottubru, 2008, kif ukoll permezz ta' protest gudizzjarju ipprezentat mir-rikorrenti nhar il-11 ta' Dicembru, 2008, ir-rikorrenti infurmaw lis-socjetajiet intimati illi huma kienu ser isarrfu c-cekkijiet in kwistjoni b'dan illi ghamluha cara li dawn ic-cekkijiet bl-ebda mod ma kienu qed jigu accettati a saldu b'dan illi zammew fermi d-drittijiet taghhom li jipprocedu gudizzjarjament ghal bilanc kollu realment dovut lilhom.

6. Illi wkoll permezz tal-imsemmi protest gudizzjarju, s-socjetajiet intimati gew mitluba sabiex, jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas ta' l-imghax legali illi ddekorra fuq iz-zewg somom ta' tmienja u sittin elf tlett mija u tmien Ewro u disa' u sittin Ewro centezmu (€68,308.69) ossija fuq l-ammont kumplessiv ta' mija u sitta u tletin elf sitt mija u sbatax il-Ewro u tmienja u tletin ewro centezmu (€136,617.38), mid-data tal-maturazzjoni tal-poloz rispettivi sad-data tal-pagament effettiv, jersqu ghal-valur shih tal-maturazzjoni tal-poloz rispettivi tar-rikorrent, jaghtu rendikont shih ta' l-investiment li ghamlu s-socjetajiet intimati sa minn Settembru tal-1987 u senjatament meta gew ikkontrattati l-poloz de quo, sas-sena tal-maturazzjoni tal-istess, inkluz rendikont ta' l-ezitu ta' tali investmenti u li huwa rilevanti sabiex jigi kkalkolat il-valur tal-maturazzjoni tal-poloz tar-rikorrenti.

7. Illi huwa evidenti illi l-bonus rates li applikaw is-socjetajiet intimati sabiex jaslu ghall-ammont dovut lir-rikorrenti mal-maturazzjoni tal-poloz taghhom, bl-ebda mod ma jirriflettu il-percentwal ta' bonus rates indikati mis-sales man taghhom dakinhar li gew ikkuntrarrati dawn il-poloz de quo, u dan kif ser jirrizulta tul it-tratazzjoni ta' dan il-kaz.

8. Illi minghajr pregudizzju l-offerta ta' hlas li saret mis-socjetajiet intimati hija in ogni kaz wahda irrizorja u turi strategija ta' investiment li hija serjament monka u b'xamma qawwija ta' agir dizonest, illegali u abbuziv, anke tenut kont ta' klima ekonomiku mill-aqwa fil-qasam tal-investiment tul il-perjodu li fih kienu fis-sehh dawn il-poloz. Effettivament, u kif ser jigi muri ahjar waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, huwa fatt illi investimenti ohra simili ghal dawk odjerni u maghmula fl-istess perjodu taw profitti ferm aktar gholjin minn dawk li s-socjetajiet intimati ghogobhom jaghtu lir-rikorrenti odjerni u dan kif ser jigi muri ahjar tul it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors.

9. Illi jigi rilevat li r-rikorrenti accettaw li jikkuntrattaw dawn il-poloz biss ghaliex gie spjegat lilhom mis-sales man tas-socjetajiet intimati, li l-investiment li kienu ser jaghmlu kien ibbazat fuq bonus rates gholjin u li ghalhekk tali investiment kien ser jaghti redditu tajjeb. Li kieku huma gew mgharrfa illi dawn ir-rati kienu ser jinzlu b'mod daqshekk drastiku u li l-profitti kienu ser ikunu tant baxxi, certament ma kienux jikkuntrattaw dawn il-poloz.

10. Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet sabiex s-socjetajiet intimati jaghtu rendikont adegwat tal-investimenti minnhom maghmula in relazzjoni mal-poloz mertu ta' dan il-kaz u minkejja li gew ukoll interpellati jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas ta' dak realment dovut lir-rikorrenti mal-maturazzjoni tal-poloz taghha, baqghu inadempjenti.

11. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghalhekk l-atturi talbu (1) li jigi dikjarat u deciz li s-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom, fl-ewwel lok, ghandhom ihallsu lill-atturi l-imghax legali li iddekorra fuq l-ammont kumplessiv ta' mija u sitta u tletin elf sitt mija u

sbatax il-Ewro u tmienja u tletin Ewro centezmu (€136,617.38) imhallas lir-rikorrenti fit-8 t'Ottubru, 2008 u kalkolabbli mid-data tal-maturazzjoni tal-poloz ossija t-22 ta' Settembru, 2007, sad-data tal-pagamenti effettiv, (2) li s-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom jigu kkundannati ihallsu l-imghax legali dovut lill-atturi ai termini tal-ewwel talba, (3) li jigi ordnat lis-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom, sabiex jaghtu rendikont shih u dettaljat tal-investimenti maghmula sa mit-22 ta' Settembru, 1987, senjatament meta gew ikkuntrattati l-poloz bin-numri 3501841 u 3501842, sas-sena tal-maturazzjoni ta' l-istess ossija, t-22 ta' Settembru, 2007, inkluzi rendikont ta' l-ezitu ta' tali investimenti in kwantu tali investimenti huma rilevanti sabiex jigi kalkolat tal-poloz de quo mal-maturazzjoni taghhom, (4) li konsegwentement jigi ordnat, bil-hatra ta' periti nominandi, li jigi likwidat il-valur shih, gust u reali tal-poloz rispettivi tar-rikorrenti bin-numru 3501841 u 3501842, mal-maturazzjoni tal-istess poloz li sehh nhar it-22 ta' Settembru, 2007 u li jigi konsegwentement stabbilit kwalunkwe bilanc li ghadu dovut lir-rikorrenti tenut kont tal-ammont ta' mija u sitta u tletin elf sitt mija u sbatax il-Ewro u tmienja u tletin ewro centezmu (€136,617.38) gja mhallas kumplessivament lir-rikorrenti mill-intimati. (5) li s-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom, jigu kkundannati ihallsu lill-atturi il-bilanc hekk likwidat ai termini tar-raba talba flimkien mal-imghax dovut kalkolabbli mit-22 ta' Settembru, 2007 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez inkluz tal-prezenti u tal-protest gudizzjarjuipprezentat mir-rikorrenti nhar il-11 ta' Dicembru, 2008, u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjetajiet konvenuti jew min minnhom li gew ukoll ingunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta' konvenuta Eagle Star (Malta) Limited fejn gie eccepit:-

Eccezzjonijiet

1. Illi s-socjeta' konvenuta Eagle Star (Malta) Limited ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante li hija agixxiet biss bhala agent.

2. Illi subordinatament u minghar pregudizzju ghall-premess, it-talbiet tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghaliex il-pagament li gie effettwat lir-rikorrenti fis-somma ta’ mija u sitta u tletin elf sitt mija u sbatax-il euro u tmienja u tletin centezmu (€136,617.38) gie maghmul ghas-saldu tal-ammonti dovuti taht il-poloz bin-numri 3501841 u 3501842 mahruga f’isem l-atturi. Ghaldaqstant l-obbligazzjoni tas-socjeta’ konvenuta giet estinta ai termini tal-ligi u l-ebda ammont ma huwa dovut.

3. Illi, subordinatament u minghar pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti ghall-imghaxijiet (kif dedotti fl-ewwel u t-tieni talbiet tar-rikorrenti) huma wkoll infondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghaliex ir-rikorrenti kienu gew offruti l-ammont dovut taht l-imsemmija poloz fid-data tal-maturita’ tal-poloz (cjoe’ fit-22 ta’ Settembru 2007) izda r-rikorrenti ma accettawx li jsir pagament relattiv, bla ebda raguni valida.

4. Illi, dejjem subordinatament u minghar pregudizzju, it-talbiet tar-rikorrenti ghall-likwidazzjoni u hlas ta’ ammont oltre dak mhallas lill-rikorrrenti u accettat minnhom (liema talbiet huma dedotti fit-tielet, ir-raba u l-hames talba tar-rikorrenti) huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan wkoll ghaliex l-ammont imhallas lir-rikorrenti kien attwalment dak dovut taht l-imsemmija poloz u li jikkonsisti mis-somma assigurata garantita, bonuses u terminal bonus dovuti taht l-istess poloz.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Dikjarazzjoni tal-Fatti

1. Illi l-fatti ddikjarati fl-ewwel paragrafu tar-rikors guramentat tar-rikorrenti ma humiex ikkontestati izda ghandu jigi rilevat illi d-dokumenti li hemm riferenza ghalihom fl-istess paragrafu (cjoe Dok ‘PVD1’ u Dok ‘MVDI’) huma biss parti mill-poloz ta’ assikurazzjoni bin-numru 3501841 u 3501842. Kopji shah ta’ l-imsemmija

poloz huma hawn annessi u mmarkati Dok ‘ES1’ u Dok ES2’.

2. Illi l-fatti dikarati fl-ewwel sentenza tal-paragrafu 2 tar-rikors guramentat tar-rikorrenti m’humiex ikkontestati. Illi dwar il-fatti dikjarati fit-tieni sentenza ta’ l-istess paragrafu, ghandu jinghad illi s-socjeta’ esponenti ma hijiex f’posizzjoni illi tikkonferma jew le l-istess dikjarazzjoni f’dan l-istadju qabel ma jinstemghu l-provi.

3. Illi l-fatti dikjarati fil-paragrafu 3 tar-rikorrenti huma totalment inveritieri u nfondati. Anzi, il-bonus rates iddikjarati u appikati kien dawk korretti u l-istrategija ta’ investiment kienet dejjem konsistenti mal-principji ta’ amministrazzjoni prudenti (prudent management) biex jigu protetti l-beneficcji u l-interessi tal-policyholders kollha.

4. Illi l-fatti msemmija mir-rikorrenti fir-raba’ paragrafu tar-rikors guramentat huma kkontestati kemm ghaliex ir-rikorrenti kienu gew offruti l-ammont dovut taht il-poloz de quo appena immaturaw l-istess poloz kif ukoll ghaliex ebda imghax ma kien dovut. Ghandu jinghad wkoll illi r-rikorrenti fil-fatt gew infurmati tnax-il gurnata qabel ma mmaturaw il-poloz illi l-poloz kienu ser jimmaturaw.

5. Illi l-fatti dikjarati mir-rikorrenti fil-paragrafu 5 m’humiex ikkontestati pero’ ghandu jinghad illi peress illi l-pagament lir-rikorrenti gie maghmul ghas-saldu ta’ l-ammonti dovuti taht l-imsemmija poloz (liema pagament sar permezz ta’ cheques li ssarfu mir-rikorrenti) l-obbligazzjoni tas-socjeta’ konvenuta giet estinta ai termini tal-ligi u konsegwentement l-ebda ammont ma huwa dovut mis-socjeta’ konvenuta.

6. Illi l-fatti dikjarati mill-atturi fil-paragrafu 6 m’humiex ikkontestati fis-sens illi huwa minnu illi r-rikorrenti pprezentaw il-protest hemm imsemmi. Gahndu jinghad pero’ illi s-socjeta’ intimata irrispondiet ghall-imsemmi protest permezz ta’ ittra ta’ l-avukat taghha (hawn annessa u markata Dok ‘ES3’) fejn, filwaqt illi cahhdet kompletament l-allegazzjonijiet maghmula mir-

rikorrenti fl-istess protest, tat lir-rikorrenti dawk l-ispjegazzjonijiet kollha necessarji.

7. Illi l-fatt dikjarati fil-paragrafu 7 tar-rikorrenti huma ikkontestati u s-socjeta' konvenuta tikkonferma illi l-bonus rates applikati kienu korretti u kif iddikjarati ghal dawk il-ploicyholders kollha li kellhom polza simili ghal dik tar-rikorrenti.

8. Illi l-fatti dikjarati fil-paragrafi 8 u 9 tar-rikorrenti huma kkontestati. Anzi il-bonus rates iddikjarati u applikati kienu dawk korretti u l-istrategija ta' investiment kienet dejjem konsistenti mal-principju ta' amministrazzjoni prudenti (prudent management) biex jigu protetti l-beneficci u l-interessi tal-policyholders kollha. Ghandu jinghad wkoll illi l-kumpaniji ta' l-assigurazzjoni kollha fir-Renju Unit huma regolati minn u soggetti ghall-iskrutinju tar-regolatur rilevanti (f'dan il-kaz il-Financial Services Authority tar-Renju Unit jew il-predecessur tieghu).

9. Illi l-fatti dikjarati mir-rikorrenti fil-paragrafu 10 huma kkontestati. Ghandu jinghad illi s-socjeta' intimata tat lir-rikorrenti dawk l-ispjegazzjonijiet kollha necessarji, inkluz dawk ghaliex it-talbiet tar-rikorrenti kienu bla bazi.

10. Illi b'mod generali, b'referenza ghall-fatti msemmija mir-rikorrenti fir-rikors guramentat taghhom jinghad umilment ukoll:-

(a) Is-socjeta' Eagle Star (Malta) Limited tagixxi bhala agent tas-socjetajiet intimati Zurich Assurance Limited u Eagle Star Insurance Company Limited.

(b) Il-poloz ta' assikurazzjoni bin-numru 3501841 u 3501842 li nhargu favur ir-rikorrenti kienu tat-tip 'Endowment with Profits'. Is-somma assigurata garantita fil-kaz t'a kull polza, kif jidher mill-poloz infushom, kieneta

ta' 'Lm15,000 [34940.60] with profits on 22 September 2007 or on proof of earlier death of the Life Assured'. Ghaldaqstant, dawn huma t-tip ta' poloz fejn ammont jithallas lill-policyholder fi tmiem numru ta' snin, cjoe' d-data tal-maturita' tal-polza. L-ammont pagabbli meta timmatura l-polza tikkonsisti f'dan li gej: (i) is-somma assigurata garantita mifthiema meta tinhareg il-polza; (ii) il-bonuses (profitti) li jigu mizjuda matul it-terminu tal-polza; (iii) meta jkun iddikjarat, it-terminal bonus applikabbli. Fil-kaz odjern, iz-zewg poloz in kwistjoni dahlu fis-sehh fit-22 ta' Settembru 1987.

(c) Kull sena, minn mindu dahlu fis-sehh l-imsemmija poloz, ir-rikorrenti (bhall-policyholders kollha) gew notifikati bir-rati ta' bonuses li gew dikjarati fis-sena relattiva u l-ammont li gie mizjud mal-poloz u li allura li gie garantit li jithallas.

(d) Kull sena mill-1997, kienet wkoll tintbaghat ittra mal-Bonus Statement lill-policyholders kollha, inkluz ir-rikorrenti, b'informazzjoni u spjegazzjoni dwar rati ta' bonus u affarijiet ohra rilevanti.

(e) Fis-snin 2006 u 2007, informazzjoni kienet ukoll intbghatet lill-policyholders kollha, inkluz ir-rikorrenti, fejn gie spjegat kif il-With Profits 90:10 Fund huwa amministrat. Il-With Profits 90:10 Fund huwa l-fond li fih il-premiums mhallsa mir-rikorrenti (u mill-policyholders kollha) kienu jigu nvestiti.

(f) L-istrategija ta' investiment kienet dejjem konsistenti ma-principji ta' amministrazzjoni prudenti (prudent management) biex jigu protetti l-beneficcji u l-interessi tal-policyholders kollha fil-fond. Il-kumpanija ta' l-assigurazzjoni kollha fir-Renju unit huma regolati minn u soggetti ghall-iskrutinju tar-regolatur rilevanti (f'dan il-kaz il-Financial Services Authority tar-Renju Unit u il-predecessur tieghu). Di pju, kif rikjest mir-regoli tal-Financial Services Authority, persuna indipendenti ezamina kif il-fond gie amministrat u jekk giex amministrat skond il-'Principles and Practices of Financial Management' li huma ppublikati.

(g) B'ittra datata 10 ta' Settembru 2007 (cioe tnax-il gurnata qabel id-data meta mmaturaw il-poloz de quo, ir-rikorrenti gew individwalment infurmati li l-ammont pagabbli fir-rigward ta' kull polza kien ta' €68,308.69 (ekwivalent ghal Lm29,324.92) komposti kif gej:

| | | |
|---|---|---|
| (i) Somma assigurata garantita | Lm15,000.00 | €34,940.60 |
| (ii) Bonus garantit sa 31.12.2006 | Lm 9,424.29 | €21,952.69 |
| (iii) Terminal Bonus ta' 52% | Lm 4,900.63 | €11,415.40 |
| Valur totali fil-maturita' | Lm29,324.92 | €68.308.69 |

(h) Il-valur ta' bonus u r-rata tat-Terminal Bonus jistghu jigu verifikati b'riferenza ghall-Bonus Statements li ntbaghtu lir-rikorrenti, kif inghad hawn fuq.

(i) B'hekk l-ammont ta' €68,308.69 li kien thallas lil kull wiehed mir-rikorrenti (cjoe' total ta' €136,617.38) kien jirrapprezenta l-valur totali u finali ai termini tal-polza (u liema pagament kien giet maghmlu ghas-saldu permezz ta' cheques illi gew imsarrfa) u ghaldaqstant ebda ammont iehor ma hu pagabbli.

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta' konvenuta Eagle Star Insurance Company Limited fejn gie eccepit:-

Eccezzjonijiet

1. Illi, preliminarjament, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghaliex il-pagament li gie effettwat lir-rikorrenti fis-somma ta' mija u sitta u tletin elf sitt mija u sabatax-il euro u tmienja u tletin centezmu (€136,617.38) gie maghmul ghas-saldu ta' l-ammonti dovuti taht il-poloz bin-numri 3501841 u 3501842 mahruga f'isem ir-rikorrenti. Ghaldaqstant l-obbligazzjoni tas-socjeta' intimate giet estinta ai termini tal-ligi u l-ebda ammont ma huwa dovut.

2. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti ghall-imghaxijiet (kif dedotti fl-ewwel u t-tieni talbiet tar-rikorrenti) huma wkoll infondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghaliex ir-rikorrenti kienu gew offruti l-ammont dovut taht l-imsemmija poloz fid-data tal-maturita' tal-poloz (cjoe' fit-22 ta' Settembru 2007) izda r-rikorrenti ma accettawx li jsir il-pagament relattiv, bla ebda raguni valida.

3. Illi, dejjem subordinatament u minghar pregudizzju, it-talbiet tar-rikorrenti ghall-likwidazzjoni u hlas ta' ammont oltre dak imhallas lill-rikorrenti u accettat minnhom (liema talbiet huma dedotti fit-tielet, ir-raba u l-hames talba tar-rikorrenti) huwa infondati fil-fatt u fid-dritt u dan wkoll ghaliex l-ammont imhallas lir-rikorrenti kien attwalment dak dovut that l-imsemmija poloz u li jikkonsisti mis-somma assigurata garantita, bonuses u terminal bonus dovuti taht l-istess poloz.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta' intimata Eagle Star (Malta) Limited bhala agent tas-socjeta' assiguratrici estera Zurich Assurance Limited fejn gie eccepit:-

Eccezzjonijiet

1. Illi s-socjeta' intimate Zurich Assurance Limited ghandha tigi liberate mill-osservanza tal-gudizzju stante illi qatt ma kellha u m'ghandiex relazzjoni guridika mar-rikorrenti. Illi fil-fatt hija biss is-socjeta' li maghha gie irriassigurat il-portfolio ta' assigurazzjoni tas-socjeta' intimate Eagle Star Insurance Company Limited li harget il-poloz bin-numri 3501841 u 3501842 f'isem ir-rikorrenti.

2. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghaliex il-pagament li gie effettwat lir-rikorrenti fis-somma ta' mija u sitta u tletin elf sitt mija u sbatax-il ewro u tmienja u tletin centezmu (€136,617.38) gie maghmul ghas-saldu ta' l-ammonti dovuti taht il-poloz

bin-numri 3501841 u 3501842 mahruga f'isem ir-rikorrenti. Ghaldaqstant l-obbligazzjoni tas-socjeta' intimate giet estinta ai termini tal-ligi u l-ebda ammont ma huwa dovut.

3. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti ghall-imghaxijiet (kif dedotti fl-ewwel u t-tieni talbiet tar-rikorrenti) huma wkoll infondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghaliex ir-rikorrenti kienu gew offruti l-ammont dovut taht l-imsemmija poloz fid-data tal-maturita' tal-poloz (cjoe' fit-22 ta' Settembru 2007) izda r-rikorrenti ma accettawx li jsir il-pagament relattiv, bla ebda raguni valida.

4. Illi, dejjem subordinatament u minghajr pregudizzju, it-talbiet tar-rikorrenti ghall-likwidazzjoni u hlas ta' ammont oltre dak mhallas lill-rikorrenti u accettat minnhm (liema talbiet huma dedotti fit-tielet, ir-raba u l-hames talba tar-rikorrenti) huwa infondati fil-fatt u fid-dritt u dan ukoll ghaliex l-ammont inhallas lir-rikorrenti kien attwalment dak dovut taht l-imsemmija poloz u li jikkonsisti mis-somma assigurata garantita, bonuses u terminal bonus dovuti taht l-istess poloz.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat il-verbal ts-seduta tas-seduta tat-28 ta' Ottubru 2010 minn fejn jirrizulta li l-partijiet qabblu li l-ewwel li trid tigi deciza hi l-eccezzjoni tal-konvenuti kollha li l-atturi thallsu b'cheque ghas-saldu liema cheque gie accettat u msarraf.

Semghat lil Ivan Micallef prodott mis-socjetajiet konvenuti.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti fuq l-imsemmija eccezzjoni dwar kif sar il-pagament tac-cheque.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet responsiva tal-atturi dwar l-istess eccezzjoni.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza dwar l-imsemmija eccezzjoni dwar il-pagament.

Ikkonsidrat:-

Il-presenti kawza qed issir minn Peter u Madeline konjugi Vella de Fremeaux kontra s-socjetajiet asikuraturi Eagle Star (Malta) Limited f'isimha propju u bhala agenti tas-socjeta' assiguratrici estera, Zurich Assurance Limited u kontra Eagle Star Insurance Company Limited. L-imsemmija atturi qed jaghmlu diversi talbiet in konnessjoni ma zewg poloz ta' assigurazzjoni, kuntrattati separatament minnhom mas-socjeta' konvenuta Eagle Star Insurance Company Limited. L-imsemmija poloz illum immaturaw u l-atturi thallsu somma bhala l-valur tal-poloz in kwestjoni meta dawn immaturaw. L-atturi jsostnu dak li thallas lilhom ma kienx il-valur gust tal-istess poloz. Il-konvenuti kollha fl-ewwel lok eccipew li l-pagament li sar lill-atturi gie hekk effettwat ghas-saldu tal-ammonti dovuti u kwindi, skond il-konvenuti, l-obbligazzjonijiet tas-socjetajiet konvenuti huma estinti ai termini tal-ligi u konsegwentement ukoll l-ebda ammont ulterjuri ma huwa dovut lill-atturi. Bl-imsemmi verbal tas-seduta tas-seduta tat-28 ta' Ottubru 2010 il-partijiet qabblu li l-ewwel ghandha tigi deciza din l-eccezzjoni.

Il-fatti rilevanti rizultanti huma s-segwenti**:-**

L-atturi l-konjugi Peter u Madeline Vella de Fremaux ikkuntrattaw separatament żewġ poloz tal-assigurazzjoni mas-soċjetà konvenuta Eagle Star Insurance Company Limited. Dawn il-poloz kienu tat-tip “with profits” fejn kull wiehed u wahda mill-atturi assiguraw is-somma ta' ħmistax il-elf lira maltin (Lm15000). L-atturi jsostnu li kienu ġew informati li mal-maturazzjoni kienu ser jirċievu s-somma garantita piu' somma oħra li tirrapreżenta profitti ikkalkulati fuq “bonus rates” fissi.

Ġara illi meta immaturaw il-poloz, l-atturi ma kienux sodisfatti bis-sommom li tħallsu lilhom mis-soċjetajiet konvenuti u, bil-preżenti kawża, qed jilmentaw illi s-

soċjetajiet konvenuti naqsu li jhallsu il-valur reali u gust tal-poloz billi jidher li kienu tnaqsu l-ammonti tal-“bonus rates” li kienu gew lilhom iddikjarati meta ġew ikkuntrattati l-poloz.

Il-poloz in kwestjoni mmaturaw fit-22 ta’ Settembru 2007 u ftit jiem qabel din id-data l-atturi gew infurmati mis-socjetajiet konvenuti, permezz ta’ ittra datata 10 ta’ Settembru 2007, li l-poloz kienu waslu biex jagħlqu u intalbu sabiex jaghtu xi informazzjoni sabiex ikun jista’ jsir il-ħlas lill-istess atturi tal-poloz in kwestjoni. L-atturi gew ukoll informati kemm kien ser jammonta dan il-pagament. L-atturi b’ittra datata 20 ta’ Settembru 2007 (fol 101) talbu li jiġi rivedut l-ammont offert peress li skond huma l-ammont indikat ma kienx korrett u inoltre qalu li “kien wieħed abbużiv.” Is-soċjetà konvenuta Eagle Star (Malta) Limited irrispondiet fl-20 ta’ Diċembru 2007 (fol 109) fejn tat spjegazzjoni tal-ammont offert.

Nonostante li s-soċjetajiet konvenuti ma rċevewx l-imsemija informazzjoni mitluba, wara li l-poloz immaturaw l-imsemmija socjeta’ konvenuta Eagle Star (Malta) ħallset lill-atturi s-somma ta’ tmienja u sittin elf, tliet mija u tmien euro u disa’ u sittin ċenteżmu (€68,308.69) kull wiehed u dan b’zewg ċekkijiet datati 8 ta’ Ottubru 2008 (fol 112 u 114) “a saldu” tal-pretensjonijiet kollha tal-atturi rigward l-imsemmija poloz. In effett jirrizulta li l-imsemmija socjeta konvenuta kienet qed taghmel dan l-hlas “in full and final settlement of the maturity value.”

Fis-17 ta’ Ottubru 2008 (fol 115) l-atturi infurmaw lis-soċjetajiet konvenuti li kienu ser issarrfu l-imsemmija cekkijiet u speċifikaw illi dawn iċ-ċekkijiet ma kienux qed jiġu aċċettati “in full and final settlement.”

Bħala prova illi ċ-ċekkijiet fil-fatt issarrfu mill-atturi, s-soċjetajiet konvenuti ppreżentaw ukoll vera kopja ta’ “bank statement” maħruġ mill-Bank HSBC Bank Malta plc li huwa il-kont bankarju tas-soċjetà konvenuta Eagle Star Malta Limited li juri li l-ammonti in kwestjoni gew effettivament imsarrfa mill-atturi.

Inoltre l-atturi fil-11 ta’ Dicembru 2008 ippresentaw protest gudizzjarju kontra s-socjetajiet konvenuti. B’dan il-protest l-atturi infurmaw lis-soċjetajiet konvenuti li kienu ser isarrfu ċ-ċekkijiet imsemmija pero’ ghamluha cara li dan bl-ebda mod ma kien ifisser li c-cekkijiet qed jiġu aċċettati a saldu

u ghalhekk fl-istess hin l-atturi żammew fermi d-drittijiet kollha tagħhom fosthom li jipproċedu ġudizzjarjament għall-bilanċ kollu li skond huma kien ghadu dovut lilhom.

In konsegwenza ta’ din l-eccezzjoni li ghandu jigi deciz huwa jekk ic-cekkijiet li nghataw lill-atturi ghas-saldu u li effettivament gew imsarfa b’hekk gietx estinta l-obbligazzjoni tas-socjetajiet konvenuti jew le u konsgwentement jekk ghad hemmx ammonti dovuti mis-socjetajiet konvenuti. It-tezijiet tal-partijiet dwar dan il-punt huma konflingenti.

L-atturi jsostnu li huma setghu jsarrfu c-cekkijiet anke jekk dawn thallsu lihom “in full and final settlement” u dan mingħajr ma bl-ebda mod jippreġudikaw id-dritt taghhom li jitolbu kwalunkwe bilanċ li seta jkun ghadu dovut u dan jekk qabel ma gie msarraf ic-cekk saret protesta ċara u inekwivoka fis-sens li c-cekk kien qed jissarraf bla pregudizzju. Ghal kuntrarju s-socjetajiet konvenuti jsostnu li la darba l-hlas sar permezz ta’ cekk “in full and final settlement” u l-istess cekk issarraf, konsegwentement tigi fi tmiemha l-obbligazzjoni esistenti bejn is-socjetajiet konvenuti u l-atturi.

**Konsiderazzjonijiet legali**
B’ittra datata 17 ta’ Ottubru 2008 (fol 115) l-atturi infurmaw lis-soċjetajiet konvenuti li huma kienu ser issarrfu ċ-ċekkijiet imsemmija, pero speċifikaw illi dawn iċ-ċekkijiet ma kienux qed jiġu aċċettati “in full and final settlement.” L-atturi jsostnu li ma rrinunzjawx għall-bilanċ li seta’ kien lilhom dovut u għamluha ċara, qabel ma sarrfu ic-cekkijiet li l-ħlas ma kienx qiegħed jiġi aċċettat bħala wieħed a saldu u dan sar b’mod specifiku permezz tal-protest gudizzjarju gia imsemmi. Inoltre jirrizulta li kien hemm korrispondenza bejn il-partijiet fejn l-aturi ddikjaraw li ma kienux qiegħdin jaqblu mal-maturity value offert lilhom mis-socjetajiet konvenuti (vide fol.120, 122 u 127).

Ma hemm’x dubju li, fil-kawża odjerna, s-soċjetà konvenuta Eagle Star ghamlitha cara lill-atturi li t-tip ta’ pagament li hija kienet qiegħda toffri lill-atturi kien “in full

and final settlement of the maturity value.” Ghalhekk jista jinghad li l-imsemmija socjeta’ konvenuta iddikjarat b’mod univoku u ċar li qed toffri l-pagament għas-saldu tal-pretensjonijiet kollha tal-atturi.

Jidher li r-ragunament tas-socjetajiet konvenuti hu bbazzat fuq dak li gie ritenut fis-sentenza fil-kawza “William Apap vs Joseph Galea et nomine” deciza fis-26 ta’Novembru 1986 - Appell Kummercjali - u fejn intqal “illi jekk id-debitur offerent jiddikjara b’mod univoku u indubitabbli li qed joffri pagament ghas-saldu tal-pretensjonijiet kollha tal-kreditur, m’ghandux dritt il-kreditur unilateralment jinjora l-mod kif gie offert il-pagament u jaccettah b’kondizzjonijiet u riservi li necessarjament huma inkonsistenti ma offerta ta’ pagament a salodu.”

Din hi posizzjoni pjuttost rigida u ghalhekk din il-Qorti ma tistax taqbel ma dak li intqal fl-imsemmija sentenza. Jidher pero’ li l-gurisprudenza nostrana fil-maggior parti tal-kazijiet kwazi dejjem segwit il-posizzjoni kif delineata fl-imsemmija sentenza. Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (per Imhallef Philip Sciberras) fil-kawza fl-ismijiet “Peter Attard vs Lawrence Fino et” tal-28 ta’ Marzu 2008 fejn intqal li “l-Qorti ma tistax taqbel mal-posizzjoni rigida (tal-imsemmija kawza “William Apap vs Joseph Galea”). Il-principju mhux assolut jew talment inflessibli li ma jippermettix deroga minnu f’cirkostanzi kongruwi.

Kif taraha din il-Qorti f’kaz fejn id-debitur ma jkunx hallas dak kollu pretiz mill-kreditur tieghu, l-liberazzjoni tieghu mill-pretensjoni dedotta fil-konfront tieghu tista, ghall-fatt ta’ dik id-dikjarazzjoni ghas-saldu tissussisti jekk mic-cirkostanzi li fihom sar il-hlas tigi desunta l-espressjoni tal-volonta’ tal-kreditur li huwa qed jirrinunzja ghall-kumplament. Rinunzja din, li kif eneuncjat f’bosta sentenzi, trid tkun wahda cara u univoka b’mod li mill-fatti ma tkunx tista tingibed kongettura ohra hlief il-propositu evidenti tar-rinunzja.(vide sentenza “Michele Tabone et vs Emanuele Sammut nomine”) u inoltre intqal “li hu presunt

li min jaccetta cekk lilu mibghut fit-termini “in full and final settlement hu jghaddi biex isarrfu, jigi li accetta dak il-hlas f’dawk l-istess termini precizi eppure, jekk jigi muri li huwa tempestivament ipprotesta ghal pagamernt f’dik il-modalita’, l-accettazzjoni minu ta’ dak ic-cekk u s-sussegwenti tisrif tieghu ma kellux, umbghad, jigi rinfaccjat lilu bhala xi abdikazzjoni tad-dritt tieghu ghall-hlas tal-bilanc dovut.”

Il-Qorti taqbel pjenament ma dak li gie ritenut fil-kawza fl-ismijiet “Peter Attard vs Lawrence Fino et.” Dak li intqal f’din l-ahhar kawza ghandu japplika ghall-kawza odjerna. Difatti l-fatti li taw lok ghal l-imsemmija sentenza jixbhu hafna dawk tal-kawza odjerna. Ma hemmx dubju li l-principju stabbilit fl-isemmija sentenza “William Apap vs Joseph Galea” m’ghandux jitqies li hu assolut u m’ghandux jigi applikat f’kull kaz fejn cekk “in full and final settlement’ jekk imsarraf ghandu jitqies li bih l-obbligazzjoni ta’ min hallas b’dan il-mod giet estinta. Hu ovvju, fil-kaz presenti, li l-atturi bl-ebda mod ma taw x’tifhem li kienet il-volonta’ taghhom li qed jirrinunzjaw ghall-kumplament tal-flus li jistghu jkunu dovuti lilhom. In effett hu zgur li ma tirrizultax b’mod car u univoku xi tip ta’ rinuzja tal-atturi. Anzi f’dan il-kaz l-atturi tempestivament, u cioe’ qabel ma sarrfu ic-cekkijiet in kwestjoi, ipprotestaw ghal pagamernt f’dik il-modalita’ u ddikjaraw li qed isarfu c-cekk minnghajr pregudizzju. Ghalhekk ma jistax jinghad li meta l-atturi sarrfu c-cekk abdikaw id-dritt taghhom li jithallsu l-bilanc jekk tali bilanc hu effettivament dovut.

Barra minn hekk il-konvenuti, meta baghtu lill-atturi c-cekk “in full and final settlement,” kienu konsapevoli mill-fatt li l-istess atturi kienu qed jikkontestaw l-ammont offert bhala l-valur tal-poloz in kwestjoni. Ghalhekk meta l-konvenuti ghazlu il-mod tal-pagament in kwestjoni, huma ghamlu att unilaterali u kwindi l-atturi b’att unilaterali iehor jistghu jimponu riserva u kundizzjonijiet marbuta mal-fatt li c-cekk gie minnhom imsarraf.

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha l-eccezzjoni in kwestjoni tal-konvenuti timmerita li tigi michuda.

Ghalhekk tiddeciedi billi tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti kollha rigwardanti l-mod tal-pagament.

Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.

Tiddiferixxi l-kawza ghall-kontinwazzjoni ghas-seduta tal-19 ta' Jannar 2012 fid-9.00 am.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------